

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000129/2012

lill-Kummissjoni

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Vital Moreira

f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Elmar Brok

f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Suġġett: Ftehim KE/Iżrael - Valutazzjoni ta' Konformità u Aċċettazzjoni (CAA) tal-Prodotti Industrijali; Protokoll Adizzjonali għall-Ftehim Ewro-Mediterranju

Il-Parlament Ewropew intalab jagħti l-kunsens tiegħu għall-ftehim CAA bejn l-UE u l-Iżrael. Madankollu, il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA) huwa mħasseb dwar dan il-ftehim minn diversi lati, u speċifikament għandu preokkupazzjoniet legali dwar l-ambitu territorjali u oħrajn kostituzzjonali dwar l-implimentazzjoni tiegħu. Il-Parlament għaldaqstant jitlob li jingħata l-kjarifiki li ġejjin:

1. Il-Kummissjoni tqis li għandha l-awtorità legali, taħt l-Artikolu 9 tal-Protokoll, li tirrifjuta jew tirresringi ġeografikament l-awtorità territorjali tal-“awtoritajiet responsabbli” u l-“korpi notifikati” skont dan il-Protokoll? Jekk iva, il-Kummissjoni x'assigurazzjonijiet vinkolanti tista' tagħti lill-Parlament li mhijex sejra taċċetta, taċitament jew b'mod ieħor, li l-kompetenza territorjali tal-Awtorità Responsabbli Iżraeljana msemmija fl-Artikolu 9 tal-Protokoll tkopri territorji li nġiebu taħt l-amministrazzjoni Iżraeljana fl-1967?
2. Jekk il-ftehim jidħol fis-seħħ, il-Kummissjoni kif sejra tkun tista' tiżgura li l-ebda prodott industrijali manufatturat fl-insedjamenti Iżraeljani fix-Xatt tal-Punent jew f'Ġerusalem tal-Lvant ma jiġi ċċertifikat fl-ambitu ta' dan il-Protokoll?
3. Il-Kummissjoni kif sejra tiżgura, fid-dawl ta' deċizzjonijiet preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, li ma ssirx diskriminazzjoni kontra prodotti industrijali Palestinjani maħduma fit-Territorji Palestinjani Okkupati jekk issir talba għaċ-ċertifikazzjoni tagħhom minn awtoritajiet Iżraeljani taħt dan il-Ftehim?
4. Filwaqt li l-INTA jagħraf li ċ-ċertifikazzjoni industrijali skont is-CAA ma tfissirx li l-awtoritajiet doganali Ewropej ma jibqgħux obbligati jivverifikaw l-oriġini tal-prodotti bi qbil mal-hekk imsejjaħ “Arangament Tekniku UE-Iżrael”, mhux għalkollox kovint li l-mekkaniżmu implimentat ma fihx lakuni. Il-Kummissjoni tista' tiċċara jekk hijex biħsiebha tirrevedi jew issaħħaħ il-mekkaniżmu ta' kontroll doganali?

Imressqa: 26.6.2012

Mgħoddija: 28.6.2012

L-iskadenza għat-tweġiba: 5.7.2012